MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1254/2010

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Yousef M. El Kayar (Id 8000L).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' hames mija, hamsa u sebghin ewro u sitta u disghin centezmu (€575.96) minghand il-konvenut, rapprezentanti ammont dovut bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lilu mis-socjeta' attrici a bazi ta' ftehim bejn il-partijiet. Illi l-konvenut minkejja li gie interpellat ghall-hlas diversi drabi, baqa inadempjenti. Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data ta' l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicembru 2010, fejn deher il-konvenut u ammetta t-talba attrici kif dedotta kontra tieghu.

Ghaldaqstant, in vista ta' l-ammissjoni tal-konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija, hamsa u sebghin ewro u sitta u disghin centezmu (€575.96), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------